MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2021

Rikors Maħluf Numru 301/2017 LM

**John Farrugia (K.I. numru 69834M)**

***vs.***

**Marlene Cassar (K.I. numru 564538M)**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-rikors maħluf ippreżentat fil-5 ta' April, 2017 mill-attur **John Farrugia (K.I. numru 69834M)** [minn issa 'l quddiem "l-attur"], kontra l-konvenuta **Marlene Cassar (K.I. numru 564538M)** [minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"] li jgħid kif ġej:

> 1. *Illi għal perijodu twil mis-sena elfejn u tnejn (2002), ir-rikorrent John Farrugia kien jafda lil Marlene Cassar bħala ħabiba tiegħu u bħala* partner *tiegħu fiż-żfin, tant illi kien jitlobha żżomlu ammonti konsiderevoli ta' flus konsistenti f'somom ta' flus rappreżentanti t-tfaddil tiegħu mill-impjieg tiegħu mal-Gvern, bil-għan*

*li tieħu ħsiebhom u troddhomlu lura dan għaliex wara li inħarqet id-dar tal-esponenti beża' jżomm flus id-dar;*

2. *Illi wara li spiċċat ir-relazzjoni l-esponenti sar jaf minn uffiċjal tal-bank li kien hemm prokura u li kien qiegħed jinġibed ħafna flus mill-kont u induna illi l-intimata kienet qarqet bih u ġegħlitu jiffirma prokura f'isimha u kien hemm preżenti ukoll it-tabiba Connie Cassar li hija l-mara tat-tifel tal-intimata, meta kienet tatu x'jifhem li kien qiegħed jiffirma xi ħaġa għat-tifla ta' Connie Cassar, għall-iskola;*

3. *Illi l-esponenti kien ta lil-intimata ukoll tlett kaxxex bid-deheb, tnejn tad-deheb isfar u wieħed tad-deheb abjad biex żżomhomlu iżda ukoll qiegħda tirrifjuta li tagħtihomlu lura;*

4. *Illi meta r-relazzjoni ta' bejniethom ħżienet, l-esponenti talab lil-intimata sabiex tagħtih il-flus u d-deheb kollu iżda l-intimata bdiet ġġib ħafna skużi u tivvinta biex iċċahdu minn flusu u d-deheb;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha ;*

1. *Tiddikjara illi r-rikorrenti fada f'idejn l-intimata somma flus u deheb bil-għan li troddhomlu lura meta jitlobhomlha li għandu jiġi likwidat;*
2. *Tiddikjara lill l-intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fl-imsemmija somma flus u deheb li għandu jiġi likwidat;*
3. *Tikkundanna lill-intimata tirrifondi dan l-ammont kif likwidat kif ukoll l-oġġetti tad-deheb lir-rikorrent.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont il-liġi mid-data li fiha ġiet ippreżentata dina l-kawża. L-intimata hija minn issa nġunta in subizzjoni.*

2. Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenuta **Marlene Cassar (K.I. numru 564538M)** ippreżentata fis-27 ta' April, 2017, fejn ġie eċċepit is-segwenti:

1. *Illi it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż* stante *li l-intimata ma wettqitx dak li qiegħed jiġi allegat mir-rikorrent;*
2. *Illi m'huwa minnu xejn li l-intimata, (jew qrabatha), qarrqet bir-rikorrent u li użat il-prokura mogħtija lilha minnu għall-għanijiet tagħha. Tant hu hekk illi hija wkoll kienet tat l-istess tip ta' prokura lir-rikorrent, liema prokuri ingħataw bl-iskop li*

*jkunu jistgħu imorru l-bank jagħmlu transazzjonijiet żgħar ta' xulxin f'każ ta' bżonn. Iż-żewġ prokuri ingħataw bil-volontà espressa taż-żewġ partijiet.*

3. *Illi l-intimata raddet lura dak kollu li hija kienet qiegħda żżomm għall-intimat* (sic!) *li da parti tiegħu kien għaddihomlha għal raġunijiet ferm differenti minn dawk li qiegħed jallega r-rikorrent u li l-intimata ser tesponi waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
4. *Illi l-intimata tiċħad bil-qawwa kollha li hi għandha jew qatt kellha, tliet kaxxex deheb fil-pussess tagħha appartenenti lir-rikorrent;*
5. *Illi r-rikorrenti m'għandha tiġi kkundannata tħallas l-ebda ammont jew li tirritorna ebda oġġett stante li hi mhiex debitriċi tar-rikorrenti.*
6. *Salv risposti ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 2020 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

3. Dawn li jsegwu huma l-fatti li fuqhom hija msejsa l-kwistjoni bejn il-partijiet. Huma saru jafu lil xulxin bejn is-sena 2000 u 2001 wara li kienu bdew jiffrekwentaw il-lukanda Preluna fejn kien ikun hemm l-orkestra u ż-żfin. Huma saru ħbieb u saħansitra ssawret relazzjoni bejniethom, tant hu hekk li l-attur beda jafda lill-konvenuta bi flusu. Peress li huwa ma xtaqx jitlef benefiċċju li kien jirċievi għall-pilloli tiegħu għaliex id-depożiti bankarji tiegħu kienu jeċċedu l-

ammont massimu tal-kapital li huwa seta' jkollu skont il-liġi, u peress li ma xtaqx iħalli flus id-dar, huwa kien talab lill-konvenuta sabiex iżżommhomlu fil-kont tal-bank tagħha. Hija aċċettat, u huwa kien mar magħha l-bank sabiex jagħmlu l-ewwel depożitu. Sussegwentement huwa għamel depożiti oħrajn ta' flus fil-kontijiet bankarji tagħha, u sadanittant huwa kien għamel ukoll prokura lilha fuq il-kont bankarju tiegħu mal-Bank of Valletta plc [minn issa 'l quddiem "BOV"], u l-konvenuta għamlet prokura lilu fuq dawk il-kontijiet bankarji f'isimha fejn sar id-depożitu tal-flus li kien fdaha bihom. Skont l-attur, huwa kien fdaha wkoll b'tliet kaxxi bid-deheb. Iżda wara xi snin, meta spiċċat ir-relazzjoni ta' bejniethom, huwa talabha lura l-flus kollha u l-kaxxi bid-deheb li huwa kien fdaha bihom.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

4. L-attur **John Farrugia** xehed permezz tal-proċedura tal-*affidavit*.[1] Spjega li huwa kien iltaqa' mal-konvenuta bejn wieħed u ieħor bejn is-sena 2000 u 2001, fil-lukanda Preluna fejn kien ikun hemm iż-żfin. Huma bdew joħorġu regolari flimkien u darba minnhom saqsietu x'kien iżomm fil-*pouch* marbut ma' qaddu. Spjega li wara li kienet inħarqet id-dar u anki kienu daħlu jisirquh, huwa kien beda jġorr il-flus fuqu. Għall-ewwel ma kienx qalilha, iżda maż-żmien beda jafdaha u qalilha, filwaqt li staqsiha jekk kinitx lesta li żżommlu l-flus fil-kont tal-bank tagħha. Hija aċċettat u huma kienu marru flimkien fil-fergħa tal-HSBC Bank Malta p.l.c. [minn issa 'l quddiem "HSBC"] ta' Fleur-de-Lys fejn iddepożitaw Lm7,000, filwaqt li qalilha li hija setgħet tieħu l-imgħax minn fuqhom. Dan

[1] *A fol.* 11.

filwaqt li huwa kien ukoll ġibed €3,000 u ddepożitahom fil-kont tagħha tal-HSBC numru 027045616050. Wara li spiċċat ir-relazzjoni ta' bejniethom, hija kienet raddet lura dawn il-flus wara li kien kitbilha l-avukat tiegħu. Barra minn hekk huwa kien taha ċekk ta' Lm1,500 sabiex iżżommhomlu fil-kont tagħha. Spjega li l-konvenuta kienet tatu n-numru tal-kontijiet tagħha u kienet ġegħlitu jitfa' l-flus kull xahar. Mit-2002 sat-2008, hija kienet talbitu Lm150 fix-xahar u kienet tgħidlu li dan kien manteniment li bil-liġi kien dovut jagħtiha. Wara l-2008 huwa beda jagħtiha Lm100 f'idha għaliex insista magħha li ma setax jagħtiha aktar. Qal li l-konvenuta kienet iżżomm notament bil-miktub, iżda lilu qatt ma tatu kopja. Imbagħad mill-2011 sal-2014 huwa kellu prokura mingħandha sabiex jiġbed mill-kont tagħha mal-HSBC, iżda huwa qatt ma ġibed xejn. Darba minnhom filwaqt li kien għand it-tifel tagħha, talbitu għall-firma tiegħu u meta fl-2016 huwa sar jaf li kien hemm prokura mingħandu favur tagħha, assuma li dik il-karta kienet proprju hekk. Fl-istess sena ntebaħ li kellu ħafna flus neqsin mill-kont bankarju tiegħu u li matul l-aħħar ħmistax-il sena kienu nġibdu ammonti sostanzjali permezz ta' prokura. Lill-konvenuta kien taha ukoll tliet kaxxi bid-deheb biex iżżommhomlu, kull waħda minnhom b'ġiżirana, msielet u brazzuletta, tnejn minnhom deheb isfar u l-oħra deheb abjad. Fl-2015 spiċċat ir-relazzjoni ta' bejniethom wara li kien talabha sabiex troddlu l-flus lura u hija ma tathomlux. L-attur esebixxa karta b'tliet numri tal-kontijiet tal-bank tal-konvenuta li kienet tathomlu hija stess, liema dokument ġie mmarkat Dok. A.[2]

5. Waqt l-udjenza tal-14 ta' Lulju, 2017, xehdet **Alison Mifsud Brimmer** in rappreżentanza tal-HSBC, kif prodotta mill-attur. Wara li ġiet eżentata mis-

[2] *A fol.* 14.

sigriet bankarju, ix-xhud spjegat li wara riċerka dwar kontijiet bankarji f'isem l-attur sa mill-1 ta' Jannar, 2007, irriżulta li dan għandu kont bankarju flimkien ma' terza persuna li jismu Alfie Borg bin-numru 016257867050, li nfetaħ fil-11 ta' Mejju, 2013 filwaqt, li esebiet kopja tar-rendikont li ġie mmarkat Dok. AMB1.

6. Waqt l-udjenza tal-14 ta' Lulju, 2017, xehdet **Joanna Bartolo** in rappreżentanza tas-soċjetà Bank of Valletta p.l.c., kif prodotta mill-attur. Wara li ġiet eżentata mis-sigriet bankarju, xehdet li hija kienet għamlet riċerka mill-1997 sal-lum, u sabet li kien hemm żewġ kontijiet, wieħed tat-tip *savings* nru 40011684103, li kien għadu miftuħ mit-13 ta' Ġunju, 2002, u ieħor tat-tip *term* nru 40016909689 li kien infetaħ fit-28 ta' Jannar, 2008 u ngħalaq fid-29 ta' Lulju, 2014, u fir-rigward tagħhom hija ppreżentat rendikonti li ġew immarkati Dok. JB1 u Dok. JB2[3] rispettivament. Ikkonfermat li kienet ingħatat prokura tal-bank lill-konvenuta fil-11 ta' Settembru, 2002 u din kienet ġiet irrevokata fil-11 ta' Mejju, 2016 u ta' din wkoll ippreżentat kopja li ġiet immarkata Dok. JB3.[4]

7. Waqt l-udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2017, xehdet għal darb'oħra **Alison Mifsud Brimmer**, prodotta mill-attur, u kkonfermat dak li kienet qalet fix-xhieda tagħha preċedenti.

8. Waqt l-udjenza tal-1 ta' Diċembru, 2017, xehdet il-konvenuta **Marlene Cassar** in subizzjoni. Spjegat li hi u l-attur kien *partners* fl-iżfin, iżda aktar minn hekk kellhom ukoll relazzjoni, għaliex fi tmiem il-ġimgħa huwa kien jorqod għandha. Din ir-relazzjoni tagħhom damet kważi għaxar snin. Ikkonfermat li l-

[3] *A fol.* 49 *et seq,* u *a* fol. 91 *et seq.* rispettivament.
[4] *A fol.* 113.

attur darba minnhom kien taha xi flus biex iżżommhomlu, iżda dawn tathomlu lura meta talabha għalihom. Sadanittant kien mar magħha huwa stess sabiex kienet iddepożitathom fil-kont tagħha mal-HSBC, filwaqt li lilu tatu prokura fuq il-kont. B'kollox kien taha €26,000 u meta raddithom lura, kienet tathomlu fi flus kontanti. Spjegat li l-prokura għall-BOV kienet saret hemm stess fil-fergħa ta' Fleur-de-Lys. Il-konvenuta ddikjarat li l-attur qatt ma taha xejn, lanqas bħala manteniment, iżda xi kultant kien jieħu miegħu xi affarijiet jew jagħtiha xi €50 u jgħidilha biex tmur tonfoqhom. Iddikjarat ukoll li l-attur qatt ma kien taha kaxxi bid-deheb biex iżżommhomlu, u lanqas oġġetti tad-deheb u tal-fidda. Iżda bħala rigal huwa kien taha par imsielet tad-deheb abjad bil-fossa *aqua marine,* u par imsielet ieħor tad-deheb bil-fosos suwed. Fir-rigward tal-prokura li l-attur kien għamel lilha, iddikjarat li hija kienet qiegħda tagħraf il-firma tagħha u anki dik tat-Tabiba Connie Cassar, li kienet tiġi l-mara tat-tifel tagħha. Spjegat li l-prokura kienet saret għand il-bank, imma mbagħad talbuhom biex iġibu firma u kienu bagħatuhom għand il-mara tat-tifel għall-firma tagħha. Il-konvenuta ddikjarat li hija qatt m'għamlet użu minn dik il-prokura. Wara saret taf li l-attur kien qed jgħaddilha l-flus sabiex ma jitlifx dak li kien jirċievi mingħand is-Servizzi Soċjali.

9. Waqt l-udjenza tas-26 ta' Jannar, 2018 xehdet **Joanna Bartolo** in rappreżentanza tal-BOV, kif prodotta mill-attur. Spjegat li hija kienet sabet ukoll żewġ kontijiet oħra meta għamlet tfittxija qabel l-2005. Sabet wieħed tat-tip *savings* li nfetaħ f'Jannar 2002 u ngħalaq f'Mejju 2002, u ieħor tat-tip *term* li nfetaħ u ngħalaq fl-istess żminijiet, u esebiet ir-rendikonti rispettivi li ġew

immarkati Dok. JB4.[5] Ippreżentat rendikonti ulterjuri fir-rigward tal-kont nru 40011684103 li ġew indikati bħala Dok. JB5.[6]

10. Ix-xhud **Joanna Bartolo** xehdet għal darb'oħra, kif riprodotta mill-attur, waqt l-udjenza tas-26 ta' Frar, 2018, kif eżentata mis-sigriet bankarju. Bdiet qabelxejn billi spjegat li r-riċerka tagħha setgħet biss tagħmilha fir-rigward tat-transazzjonijiet mis-sena 2013 'il quddiem. Esebit kopja ta' *bill payable* maħruġ lill-attur u ieħor lil Connie Cassar, u li ġew immarkati Dok. JB6[7] u JB7[8] rispettivament. L-istess xhud telgħet tixhed għal darb'oħra fis-seduta tal-22 ta' Marzu, 2018. Ikkonfermat li l-ebda kont bankarju ieħor ma nstab għajr dawk l-erba' li diġà xehdet dwarhom.

11. Waqt l-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2018, reġgħet xehdet **Alison Mifsud Brimmer** in rappreżentanza tal-HSBC. Wara li ġiet eżentata mis-sigriet bankarju, spjegat li minn riċerka kien jirriżulta li mill-1 ta' Jannar, 2002 kien hemm il-kontijiet bankarji bis-segwenti numri: tfaddil 027045616050 bir-rendikont kif esebit bħala Dok AMB1; *term* 027045616100 bir-rendikont kif esebit bħala Dok. AMB2; *term* 027045616101 bir-rendikont kif esebit bħala Dok. AMB3; *term* 016246993100 bir-rendikont kif esebit bħala Dok. AMB4; *term* 033382375100 bir-rendikont kif esebit bħala Dok. AMB5; *term* 027045616103 bir-rendikont kif esebit bħala Dok. AMB6; *term* 027045616102 bir-rendikont kif esebit bħala Dok. AMB7; *term* 02382375101 bir-rendikont kif esebit bħala Dok. AMB8; *term*

[5] *A fol.* 149.
[6] *A fol.* 151.
[7] *A fol.* 168.
[8] *A fol.* 169.

027045616102 bir-rendikont kif esebit bħala Dok. AMB9; *term* 027045616101 bir-rendikont kif esebit bħala Dok. AMB10.[9]

12. Waqt l-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2018, xehdet bil-gurament **Rebecca Micallef** in rappreżentanza tas-soċjetà APS Bank Limited [minn issa 'l quddiem "APS"]. Filwaqt li ġiet eżentata mis-sigriet bankarju, ix-xhud esebiet rendikont bankarju fir-rigward ta' kull wieħed minn dawn il-kontijiet intestati f'isem il-konvenuta: kont tat-tfaddil numru 2301639725 immarkat Dok. RM1; kont tat-tfaddil numru 2101154660 immarkat Dok. RM2; kont tat-tfaddil numru 12859810013 immarkat Dok. RM3; kont tat-tfaddil numru 12859840019 immarkat Dok. RM4; kont *term* numru 1285982909 immarkat Dok. RM5; kont *term* 20000656891 immarkat Dok. RM6; kont *term* 20001795080 immarkat Dok. RM7; kont *term* 20000319518 immarkat Dok. RM8; kont *term* 20000596314 immarkat Dok. RM9; kont *term* 20000414602 immarkat Dok. RM10.[10]

13. Waqt l-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2018, xehdet mill-ġdid **Johanna Bartolo**, kif eżentata mis-sigriet bankarju, li qalet li hija kienet sabet li mis-sena 2002, il-konvenuta kellha 21 kont intestat f'isimha u dawn kienu s-segwenti: tfaddil 15800122018 immarkat Dok. JB1; *term* 15800122050 immarkat Dok. JB2; *term* 1580012076 immarkat Dok. JB3; *term* 15800122089 immarkat Dok JB4; *term* 158001222102 immarkat Dok. JB5; *term* 40011243476 immarkat Dok. JB6; *term* 40011637192 immarkat Dok. JB7; *term* 40011904977 immarkat Dok. JB8; *term* 40016599808 immarkat Dok. JB9; *term* 40017856058 immarkat Dok. JB10; *term*

---

[9] Dawn ir-rendikonti jinsabu f'envelopp issiġġillat *a fol.* 187 sa 280.
[10] Dawn ir-rendikonti jinsabu f'envelopp ieħor issiġġillat *a fol.* 283 sa 298.

40019402497 immarkat Dok. JB11; tfaddil 4001940604 immarkat dok. JB12; *term* 4001947874 immarkat Dok. JB13; *term* 40019823694 immarkat Dok. JB14; *term* 40019823717 immarkat Dok. JB15; *term* 40019900614 immarkat Dok. JB16; *term* 40020559012 immarkat Dok. JB17; *term* 40020889096 immarkat Dok. JB18; *term* 40021323580 immarkat Dok. JB19; *term* 40022422943 immarkat Dok. JB20; *term* 40023303168 immarkat Dok. JB21.[11]

14. Waqt l-udjenza tal-10 ta' Diċembru, 2018, kompliet tixhed **Johanna Bartolo** in rappreżentanza tal-BOV. Hekk kif ġiet eżentata mis-sigriet bankarju, ikkonfermat li fil-preżent ma kienx hemm *safety deposit box* f'isem il-konvenuta, iżda fis-snin ta' qabel kien hemm tnejn. Waħda qalet li nfetħet f'Diċembru, 2007, u ngħalqet f'Novembru, 2016, u din kienet f'isem Ian Cassar flimkien mal-konvenuta. L-oħra nfetħet f'Lulju 2014 u ngħalqet sena wara u kienet fl-ismijiet tal-partijiet.

15. Waqt l-istess udjenza xehdet għal darb'oħra **Alison Mifsud Brimmer**. Filwaqt li ġiet eżentata mis-sigriet bankarju, ix-xhud ikkonfermat li fil-preżent ma kienx hemm *safety deposit box* f'isem il-konvenuta. Ix-xhud kompliet tixhed waqt l-udjenza sussegwenti fit-18 ta' Jannar, 2019 fejn ikkonfermat li bejn is-snin 2001 sal-lum ma kienx hemm *safety deposit box* f'isem il-konvenuta.

16. Waqt l-udjenza tat-13 ta' Frar, 2019, xehed l-attur in kontroeżami. Spjega li qabel ma rtira mix-xogħol, huwa kien għamel żmien jaħdem ma' *Farsons* u anki l-Qorti. Ikkonferma li wara li nħarqulu d-dar u żewġ karozzi, huwa kien ħa somma flus mingħand il-kumpannija assikuratriċi u dawn kienu ġew iddepożitati

[11] Dawn ukoll jinsabu f'envelopp a *fol.* 303 sa 566.

mal-BOV. Qal li d-dar ma kienx ikollu flus kontanti u huwa qatt ma kien mar mal-konvenuta sabiex tiddepożita l-flus li kien jagħtiha, iżda dejjem mar magħha biex jiġbduhom. Spjega li l-konvenuta riedet li jagħtiha l-flus kull xahar u hu kien jgħaddilha xi ħaġa. Mistoqsi għaliex huwa ma kienx żamm il-flus fil-kont tiegħu mal-BOV, l-attur qal li kien ser jiskorri d-disat elef u hekk kienu jaqtgħulu l-pilloli u għalhekk ikkonferma li huwa kull darba kien imur u jiġbed il-flus u jpoġġihom fil-kont tal-konvenuta. Innega li huwa kien qal lill-konvenuta sabiex iżżommlu l-flus għaliex kien jibża' li tinħaraq id-dar. Innega wkoll li huwa kien iżomm *pouch* ma qaddu. Aċċetta li lill-konvenuta kien ta xi elf Euro u lin-neputi xi elf u ħames mitt Euro, iżda dawn ma kinux rigal u huwa reġa' ħadhom lura. Stqarr li l-konvenuta kienet ħaditlu €73,000 mill-bank u dawn insista li ħadithomlu mill-bank permezz ta' prokura. Insista li dawn kienu l-flus li huwa rċieva mill-impjieg tiegħu u qal li tas-Sigurtà Soċjali qatt ma kienu kellmuh dwarhom. Stqarr li l-konvenuta kienet għamlitlu prokura, iżda huwa qatt ma kien użaha. L-attur innega li l-konvenuta kienet tatu lura €26,000 u qal li hija kienet tagħtu lura biss €5,000. Mistoqsi jekk meta ffirma l-prokura, hu kienx ra li din kienet karta bit-timbru tal-bank, l-attur wieġeb fin-negattiv. Dakinhar għall-ħabta tal-10.00 ta' billejl, huwa kien fil-kċina għand it-tifel tal-konvenuta u din ġiet tgħajjat titlob firma. Dan kien fis-sena 2002.

17. L-attur reġa' xehed in kontroeżami waqt l-udjenza tas-26 ta' Ġunju, 2019. Allega li l-konvenuta kienet ħadet kollox mill-kont tiegħu għaliex kellha prokura. Meta mar il-bank qalulu li huwa ma kellu xejn għaliex il-kont ma kienx fuqu. Ikkonferma li lill-konvenuta kien saqsiha sabiex iżommlu l-kaxxi bid-deheb, u dan għaliex ma kellux fejn jagħmilhom. Iżda hija kienet qatlu li dawk kienu

għaliha u kienet għamlithom f'kexxun fil-bank tagħha. Ammetta li meta talabha l-flus lura, uħud minnhom kienu f'kont fiss, iżda lanqas meta għalaq il-kont ma tathomlu. Ikkonferma li fl-2016 huwa kien xtara il-fond fejn illum għadu jgħix, u xtara wkoll karozza.

18. Waqt l-udjenza tas-16 ta' Settembru, 2019, xehed bil-ġurament il-**P.L. Sean Apap Meli** in raprpeżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, kif prodott mill-konvenuta. Wara li ġie eżentat mis-sigriet uffiċjali, ix-xhud spjega li l-applikazzjoni tal-attur għal benefiċċju mhux kontributorju, jiġifieri għall-pensjoni tal-età li saret fl-1995, kienet ġiet miċħuda, għaliex il-kapital tiegħu kien jeċċedi u ppreżenta Dok. SM1[12] in sostenn ta' dak li kien xehed. Kompla jixhed li l-attur irċieva pensjonijiet ta' natura kontributorja. Ix-xhud qal li l-attur kien jirċievi wkoll l-Għajnuna Supplimentari, iżda din kienet skont il-*means test.* Din kien applika għaliha fl-2018 u baqa' jeħodha.

19. Il-konvenuta Marlene Cassar xehdet permezz tal-proċedura tal-*affidavit*.[13] Spjegat kif kienet iltaqgħet mal-attur u wara xi żmien kien staqsiha sabiex taħsillu ħwejġu għaliex kien iġġieled m'oħtu. Fil-fatt saret taf li huwa kien miġġieled mal-familja u anki mal-ġirien, fi ftit kliem kien jiġġieled ma' kulħadd. Darba minnhom kien taha ċekk ta' €1,000 u qalilha li l-flus kienu għaliha u hija ddepożitatu l-bank. Hija kienet għamlet żmien issellfu l-karozza tagħha għaliex tiegħu ma kinitx tajba. Meta huwa talabha sabiex tatih il-karozza u jagħmillha *power steering* u hija rrifjutat, l-attur qabad jirrabja u qalilha li daqshekk kien ħareġ magħha u huma baqgħu mifrudin. Imbagħad fl-2015 huwa kien talabha

[12] *A fol.* 642.
[13] *A fol.* 649.

troddlu lura l-flus u hija tatu kollox barra l-€1,000 rigal. Qalet li matul is-snin l-attur kien taha b'kollox Lm10,000, u dan kien jgħidu l-attur stess ukoll. Meta talabhomlha, huwa riedhom fi flus kontanti, iżda hija qaltlu li aħjar ma joqogħdux jiġru bil-flus fuqhom u għalhekk għamlet *bank draft* ta' €15,000 mill-HSBC u fl-istess jum ġibdet €5,000 flus kontanti.[14] Imma l-attur ma riedx iċ-ċekk u hija ddepożitatu fil-kont tagħha mal-APS.[15] Minn hemm bdiet tiġbed ftit ftit il-flus biex troddlu kollox lura[16], jiġifieri €5,000 fil-25 ta' April, 2015, €3,000 fil-5 ta' Mejju, 2015 u €7,000 fl-10 ta' Novembru, 2011. Imbagħad mill-kont tagħha mal-BOV hija ħallsitu €5,000, jiġifieri €2,000 fit-22 ta' April, 2015[17] u €3,000 fit-23 ta' April, 2015.[18] Dan b'kollox kien €25,000, jiġifieri aktar milli l-attur kien iddepożita fil-kont tagħha. Imbagħad beda jitlobha għall-€1,500 li huwa kien ta lin-neputi tagħha u li wara li kellu xi jgħid miegħu kien raddlu lura. Imbagħad reġa' mar lura u qalilha li kien għad baqa' €2,300 u hija tatu lura €1,300 anki jekk ma kinux dovuti, għaliex riedet li taqta' l-kwistjoni, imma mhux il-kumplament għaliex qieset li l-€1,000 kienu rigal. Imbagħad ftit wara kitbilha permezz ta' avukat u talabha għal darb'oħra €2,300, li minnhom kienet diġà tatu €1,300. Għal darb'oħra biex taqta' l-kwistjoni ta' bejniethom, hija qabdet u tathomlu, għalkemm kienet taf li mhumiex dovuta, imma kienet ukoll intebħet li ma kellha l-ebda rċevuta għall-flus fl-ammont ta' €1,300 li kienet tatu. Dawn tathomlu permezz ta' *bank draft*.[19] Stqarret li l-flus kien tahomlha l-attur għax ried hu, iżda nnegat li huwa kien ta xi kaxxi bid-deheb u l-biċċiet l-oħra kien tahomlha bħala rigal. Iddikjarat li hija qatt ma kienet użat il-prokura kif allega l-attur.

[14] Dok. MCA1 u Dok. MCA2 *a fol.* 653 u 654.
[15] Dok. MCA3 *a fol.* 655.
[16] Dok. MCA4 *a fol.* 656.
[17] Dok. MCA5 *a fol.* 657.
[18] Dok. MCA6 *a fol.* 658.
[19] Dok. MCA7 *a fol.* 659.

20. **It-Tabiba Connie Cassar** xehdet permezz tal-proċedura tal-*affidavit*.[20] Spjegat li kienet saret taf lill-attur meta l-konvenuta kienet tieħdu magħha għall-ikliet tal-familja, meta dawn kienu ilhom xi żmien jiltaqgħu u jmorru jiżfnu flimkien. Imbagħad l-attur beda jakkumpanja lill-konvenuta meta din kienet tmur iżżurhom. Hija kienet saret it-tabiba tiegħu u hija qatt ma żammitlu flus tal-viżti għax kien sar qiesu wieħed ta' ġewwa. Darba minnhom qalilha li xtaq jagħti xi flus lit-tfal tagħha, iżda hija kienet fetħet kont mal-APS u għamlitha ċara miegħu li dawn jekk jiġi bżonnhom kienu qishom tiegħu. Fil-fatt meta l-attur u l-konvenuta ġġieldu, kien talabhom lura, iżda kien talabha għal ammont akbar. Huwa kien sussegwentement kitbilhom permezz tal-avukat sabiex jagħtuh is-somma li allega li huwa kien tahom, u huma qabdu u raddew lura dak li kien tahom permezz tal-avukat tagħhom. Ftit wara, hekk kif fetaħ il-kawża kontra l-konvenuta, huwa beda jakkużaha li ġegħlitu jiffirma xi karti biex jagħtiha xi flus biex tħallas l-iskola tat-tfal. Dan meta t-tfal ma kinitx tħallsilhom flus għaliex kienu jmorru skola tal-Gvern.

21. Waqt l-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2019, xehdet in kontroeżami l-konvenuta. Spjegat li l-attur qatt ma kien jgħaddilha flus b'mod regolari. Il-flus li kien jagħtiha kienu jitpoġġew f'kont fiss u kienu jistennew li jagħlaq qabel ma jiddepożitaw aktar flus, li huma kienu l-ewwel jiddepożitaw f'kont tat-tfaddil. B'kollox kien hemm Lm10,000, iżda qatt ma żammet rendikont u kienet għamlithom ma' tagħha. Min-naħa tagħha hija kienet tfaddal xi flus, u l-flus kontanti li ġew depożitati fil-kont tagħha, kienu wħud minnhom tagħha u oħrajn tal-attur. L-attur kien dejjem imur magħha l-bank bil-flus kontanti u kienu

[20] *A fol.* 660.

jitpoġġew fuq isimha għaliex huwa ma riedx li jidhru. Innegat li huwa qatt taha flus fix-xahar, iżda xi darbtejn, tlieta jew erba' huwa kien iddepożita fil-kont tagħha xi €50 talli kienet taħsillu u għal li kienet tagħmel miegħu. Dan kien fl-ewwel tliet xhur. Darba minnhom l-attur ittrasferixxa €100 għall-kont tagħha. It-trasferiment tal-ammont ta' €700 fis-17 ta' Novembru, 2008 wisq probabbli kien għal safra, iżda huwa qatt ma taha dawn il-flus. Spjegat li l-imgħaxijiet kienet iżżommhom hi skont kif kien qalilha tagħmel, imbagħad bihom tmur tħallas it-taxxa. Il-konvenuta insistiet li hija kienet radditlu lura sal-anqas sold. Hija ma kinitx talbitu rċevuta għall-flus li kienet tatu lura darba minnhom, wara li r-relazzjoni kienet spiċċat u dan għaliex kienet fdatu. Mistoqsija dwar kif ġemmgħet €52,229, il-konvenuta spjegat li hija kienet iddaħħal kera minn xi post f'Bormla li kien tal-familja. Huma kienu biegħu wkoll fond f'Bormla u ieħor f'Ħal Qormi xi sittax jew sbatax-il sena qabel iż-żmien li hija kienet iltaqgħet mal-attur. Hija min-naħa tagħha kienet tfaddal ukoll.

22. Il-konvenuta xehdet ulterjorment permezz tat-tieni *affidavit* tagħha.[21] Spjegat li hi u żewġha llum mejjet, dejjem kellhom xi flus imfaddlin mix-xogħol tiegħu u anki minn wirt. Huma kienu biegħu wkoll xi proprjetà li huma kienu wirtu.[22] Barra minn hekk hija kienet iddaħħal ammont żgħir bħala kera.[23] Huma kienu għamlu wkoll *pledge* ta' Lm10,000 favur binthom u din is-somma tħallset lura xi snin wara.[24] Spjegat li l-flus imfaddla fil-bank kienet tmexxihom minn kont għal ieħor jew minn bank għal ieħor wara li jagħlaq il-kont fiss.[25]

[21] *A fol.* 683.
[22] Dok. A sa Dok. C *a fol.* 684 *et seq.*
[23] Dok. D *a fol.* 697.
[24] Dok. E *a fol.* 699.
[25] Dok. F *a fol.* 700.

23. Waqt l-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 2020, il-konvenuta xehdet in kontroeżami. Ix-xhud ikkonfermat liema kien id-dħul tagħha derivanti minn kera u mingħand il-Gvern.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

24. L-attur intavola l-proċeduri odjerni b'talba sabiex il-konvenuta tiġi ddikjarata debitriċi tiegħu, peress li huwa kien fdalha somma flus u anki deheb u hija naqset li troddhom lura. Fl-*affidavit* tiegħu huwa spjega kif kien iltaqa' mal-konvenuta u saru ħbieb, tant hu hekk li ssawret ukoll relazzjoni bejniethom, fejn huwa kien fdaha bl-imsemmija flus u deheb. Huwa spjega li dan għamlu għaliex ma setax jaqbeż id-€9,000 u b'hekk jitlef benefiċċju soċjali li kien intitolat għalih. Dan kollu mhux kontestat mill-konvenuta, għajr għal dak li jirrigwarda d-deheb, fejn tgħid li l-attur qatt m'għaddielha kaxxi bid-deheb jew oġġetti tad-deheb sabiex iżżommhomlu, għalkemm kien ta par imsielet deheb abjad bl-*aqua marine* u anki xi ħaga oħra tad-deheb b'fosos suwed bħala rigal. L-attur min-naħa tiegħu nnega li huwa qatt taha xi deheb bħala rigal. Huwa spjega kif fl-ewwel sena wara li kien iltaqa' mal-konvenuta, huwa kien ftiehem magħha li kien ser jgħaddilha Lm7,000 biex tiddepożitahom fil-kont bankarju tagħha, filwaqt li kien ser iċedi l-imgħax favuriha. Għal dan il-għan huwa kien mar magħha fil-fergħa ta' Fleur-de-Lys tal-HSBC, u ddepożita l-flus fil-kont bankarju tagħha. Il-konvenuta hawn ammettiet li huma kienu dejjem imorru flimkien f'din il-fergħa sabiex isir id-depożitu ta' flus kontanti li kien iġib miegħu l-attur u hija taċċetta li b'kollox dawn kienu laħqu €26,000. Fl-*affidavit* tagħha qalet li maż-żmien huwa kien għaddielha b'kollox Lm10,000, u wara li spjegat b'liema

mod hija bdiet troddhomlu ftit ftit lura, iddikjarat li b'kollox tatu €25,000, imbagħad tatu wkoll €1,300, jiġifieri aktar milli kien taha l-attur, u dan għamlitu biex teħles mill-problema li kellha miegħu. Meta mbagħad kitbilha permezz tal-avukat u talabha għal €2,300, indunat li ma kellha l-ebda rċevuta u għalhekk dawn reġgħet tathomlu permezz ta' *bank draft.* Fil-fatt l-attur spjega li wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom, huwa kien mar għand l-avukat tiegħu u wara li dan kien kiteb lill-konvenuta, hija kienet ħallset lura dawn il-flus li kien fdaha bihom. L-attur kompla jgħid li huwa kien taha ukoll ċekk ta' Lm1,500 biex iżżommhomlu fil-kont bankarju tagħha, għalkemm il-konvenuta insistiet li dawn kienu rigal. Imma aktar minn hekk, l-attur qal li l-konvenuta kienet titolbu li jagħmel depożitu fil-kont tagħha kull xahar bejn is-sena 2002 sas-sena 2008, u kienet talbitu għal Lm150 kull xahar. Id-depożitu dejjem kien isir billi huma kienu jmorru l-bank flimkien u d-depożitu jsir fil-kont nru 15800122018. Wara li insista magħha li huwa ma setax jagħtiha aktar Lm150 kull xahar, l-attur qal li hu minflok beda jgħaddilha f'idha Lm100 fix-xahar fi flus kontanti. Min-naħa tagħha l-konvenuta qalet li dan kien minnu biss għall-ewwel tliet xhur. L-attur spjega wkoll li huwa kellu prokura fuq il-kont tagħha tal-HSBC sabiex jiżbanka meta jrid, imma fil-fatt qatt ma ġibed xejn għajr fis-sena 2015 meta xtaq jixtri post u mar biex jiġbed u fil-fatt ma sab xejn peress li skont kif qalulu, il-konvenuta kienet ġibdet kollox. Hawnhekk spjega kif fis-sena 2002 huwa kien ġie ngannat mill-konvenuta flimkien mal-mara tat-tifel it-Tabiba Connie Cassar, sabiex jiffirma prokura favur il-konvenuta. Min-naħa tagħha l-konvenuta qalet li l-prokura saret il-bank u hemm qalulhom sabiex imorru għand tabib għal firma tiegħu u għalhekk marru għand il-mara tat-tifel tagħha. L-attur sostna li din il-prokura kienet ntużat u permezz tagħha l-konvenuta ġibdet ħafna flus mill-kont tiegħu,

għalkemm ma kienx jaf kemm. Meta mbagħad fl-2015 spiċċat ir-relazzjoni ta' bejniethom, huwa kien talabha għall-flus kollha li hija kienet ħaditlu u anki għall-kaxxi bid-deheb, iżda hija baqgħet ma tathomlux għajr dak l-ammont li semma aktar 'il fuq u kkonfermat mill-konvenuta wkoll. L-attur jgħid li b'kollox il-konvenuta ħaditlu €73,000 mill-kont tal-bank tiegħu u dawn huwa kien għamilhom meta kien għadu jaħdem ma' *Farsons* u aktar tard il-Qorti.

25. Il-Qorti tosserva li mill-kont bankarju ta' tfaddil intestat f'isem l-attur bin-numru 40011684103[26], jirriżulta li saru żbanki ta' flus f'bosta okkażjonijiet bejn Jannar 2005 u Diċembru 2016, anki f'ammont sostanzjali f'żbank wieħed, imma l-attur ma jgħid xejn dwarhom sabiex jagħti stampa ċara lil din il-Qorti liema żbanki huma kontestati għax ma sarux minnu u għax ma kinux awtorizzati. Dan meta huwa qed jallega li permezz tal-prokura li huwa ffirma fil-11 ta' Settembru, 2002[27], il-konvenuta kienet saħansitra ġibdet flusu kollha mill-kont, imma hija innegat għalkollox li qatt użat il-prokura. Lanqas jispjega b'mod ċar kif u għal liema raġunijiet wara li ġiet revokata din il-prokura fil-11 ta' Mejju, 2016, xorta waħda l-iżbank ta' flus baqa' wieħed sostanzjali.

26. Il-Qorti tgħid li mhux biżżejjed sabiex ikun sodisfaċentement ippruvat li l-konvenuta kienet verament jew ġibdet il-flus mill-kontijiet bankarji tal-attur ad insaputa tiegħu permezz tal-prokura li huwa stess kien għamel favur tagħha, jew li hija naqset li tagħti lura dawk il-flus li huwa talabha żżommlu f'kont bankarju f'isimha, li jirriżulta li d-depożiti fil-kontijiet bankarji tal-konvenuta żdiedu b'mod sostanzjali sew matul is-snin minn meta hija u l-attur bdew jiffrekwentaw

[26] Ara rendikont *a fol.* 49 *et seq.*
[27] Kopja *a fol.* 113 u ara wkoll *fol.* 151 *et seq.*

lil xulxin, u dan mingħajr ma tirriżulta prova konvinċenti da parti tal-konvenuta dwar il-provenjenza ta' dawn il-flus.

27. Il-Qorti tgħid li huwa minnu li ma jirriżultawx ġustifikati d-depożiti tal-bidu u li bihom infetħu minn żmien għal żmien il-kontijiet fissi rispettivi tal-konvenuta. Lanqas ma jirriżulta min-naħa tagħha b'liema mod hija kienet f'pożizzjoni li żżid minn żmien għal żmien il-kapital investit fid-diversi kontijiet fissi miżmuma mal-HSBC, anki permezz ta' ammonti sostanzjali. L-istess jingħad fir-rigward tad-diversi depożiti żgħar li saru fil-kont tat-tfaddil mal-BOV nru 15800122018 u li fl-aħħar mill-aħħar ikkontribwew sew lejn l-ammont imfaddal f'dan il-kont. Il-konvenuta tittenta tiġġustifika ż-żieda qawwija fid-depożiti bankarji tagħha billi tgħid li dawn ġew mill-wirt tar-raġel tagħha li kien miet fl-1997, minn kera ta' fond, mir-rifużjoni ta' flus taħt kuntratt ta' rahan mal-BOV, jew saħansitra għaliex hija kienet bil-għaqal u faddlet sew. Imma l-Qorti tgħid li l-flus mill-wirt ta' żewġha ġew għandha ferm qabel s-sena meta hija kienet iltaqgħet mal-attur, u dawk tal-kera wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom. Jekk wieħed iqis li r-rendikonti li hija esebiet bħala Dok F a *fol.* 700 *et seq.* mat-tieni *affidavit* tagħha jkopru dawn il-flejjes kollha magħdudin flimkien, jiġifieri anki magħduda s-somma li hija rċeviet wara li ntemm il-kuntratt ta' rahan, is-somma komplessiva ma tirriflettiex dik li kellha l-konvenuta depożitat mad-diversi banek f'diversi kontijiet meta spiċċat ir-relazzjoni tagħha mal-attur.

28. Iżda kif ingħad aktar 'il fuq, l-attur naqas milli jispjega liema żbanki mill-kont tiegħu huma kontestati, u anki liema kienu eżattament dawk l-ammonti li huwa ddepożita fil-kontijiet bankarji tal-konvenuta u li hija ma radditlux lura.

Għalkemm din il-Qorti mhijiex konvinta li ż-żieda fid-depożiti f'isem il-konvenuta huma daqstant ir-riżultat tal-għaqal tagħha, fin-nuqqas ta' prova ċara u inekwivoka min-naħa tal-attur, ma tistax tasal sabiex tilqa' t-talbiet tiegħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kollha tal-attur, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri odjerni huma a karigu tal-attur.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**